**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 21 ta' April 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 16/2017JVC**

**Scicluna Enterprises (Gozo) Limited**

**Vs**

**Xlendi Tourist Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici li ppremettiet:-

1. Illi l-esponenti pprestat servizzi ta' *board and lodging* fil-lukanda "San Andrea", Triq Marina kantuniera ma' Triq San Xmun, Xlendi, Ghawdex, matul il-perijodu bejn il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) u t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016), lill-kumpannija ntimata, fuq struzzjonijiet tad-diretturi tal-istess kumpannija ntimata;

2. Illi l-ammont nett dovut lill-esponenti ghal dawn is-servizzi huwa ta' tletin elf tmien mija u wiehed u sittin euro u wiehed u tletin centezmu (€30,861.31c);

3. Illi l-ammont dovut huwa sostnut mill-*istatement of accounts* ezebit flimkien ma' dan ir-rikors kif ukoll mill-vouchers u invoices relattivi ghall-entrati kollha li jidhru f'dan l-istess *statement of account.*

4. Illi, inoltre, trattandosi minn debitu kummercjali, bejn zewg kummercjanti, huwa dovut lill-esponenti anki l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont kapitali dovut b'effett

mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) sad-data tal-pagament effettiv;

5. Illi minkejja li taqbel mal-korrettezza tal-*istatement of account,* l-intimata qeghdha tirrifjuta li thallas dan l-ammont, bl-iskuza li hija ghandha kreditu kontra kumpannija ohra distinta mill-esponenti – liema kreditu del resto huwa fermament u gustament ikkontestat mill-kumpannija l-ohra.

6. Illi ghaldaqstant l-intimata m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti ghat-talbiet attrici.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skont l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

1. Tiddikjara li l-intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf tmien mija u wiehed u sittin euro u wiehed u tletin centezmu (€30,861.31c) ghar-ragunijiet fuq indikati.

2. Tikkundannaha sabiex thallas lir-rikorrenti din l-istess somma flimkien mal-imghax fuqha bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont kapitali dovut b'effett mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' April, 2017 il-Qorti wara t-trattazzjoni tal-partijiet u wara li rat in-nota tas-socjeta' intimata fl-atti (fol. 193 u 194) ma qisitx li s-socjeta' intimata ghandha eccezzjonijiet *prima facie* xi tressaq fil-konfront tal-pretensjoni attrici tant li ammettiet l-ammont dovut fis-sottomissjonijiet verbali kif ukoll bil-miktub taghha u ghalhekk ma laqghetx it-talba sabiex jigu ntavolati eccezzjonijiet u ddifferiet il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' rikorrenti dokument SG 1 a fol. 195 tal-process kif isegwi:

'Illi biha tezebixxi bhal Dokument SG1 skeda li turi kemm l-imghaxijiet dovuti kif ukoll il-hlas li sar akkont u li biha ghalhekk qeghdha tirriduci l-ammont mitlub ghal disat elef tliet mija u disgha u ghoxrin euro u tmienja u hamsin centezmu (€9,329.58) inkluzi l-imghaxijiet dovuti sal-14 ta' Marzu 2017, li jammontaw ghal elf disa' mija u erbgha u tletin euro u tmienja u sittin centezmu (€1,934.68).

Ghaldaqstant l-ammont dovut huwa llum maghmul minn elf disa' mija erbgha u tletin euro u tmienja u sittin centezmu (€1,934.68) imghaxijiet u sebat elef tliet mija u erbgha u disghin euro u disghin centezmu (€7,394.90) bhala kapital.'

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti in vista ta'dak kollu suesposti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skont l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' sebat elef, tliet mija u erbgha u disghin euro u disghin centezmu (€7,394.90c).

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat elef, tliet mija u erbgha u disghin euro u disghin centezmu (€7,394.90c) flimkien mal-imghax fuq is-somma kapitali originarjament dovuta mal-intavolar tal-kawza ta' tletin elf tmien mija u wiehed u sittin euro u wiehed u tletin centezmu (€30,861.31) bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dovut b'effett mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur